Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2113(INI)

26.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

rapport dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023
(2023/2113(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sophia in 't Veld

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Adrián Vázquez Lázara, Kumitat għall-Affarijiet Legali

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

rapport dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023 (2023/2113(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3(1), 3(3), it-tieni subparagrafu, 4(3) u l-Artikoli 5, 6, 7, 11, 19 u 49 tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-artikoli tiegħu rigward ir-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, inklużi l-Artikoli 70, 258, 259, 260, 263, 265 u 267,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2023 dwar ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (COM(2022)0800),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[1] (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[2],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi ta' monitoraġġ tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, tar-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u ta' korpi oħra tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),

[1] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.
[2] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2007 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2020 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022,

– wara li kkunsidra l-proposta motivata tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja, maħruġa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE (COM(2017)0835),

– wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tad-19 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Europe's civil society: still under pressure" (Is-soċjetà ċivili tal-Ewropa: għadha taħt pressjoni), tat-8 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Fundamental Rights Report 2022" (Ir-Rapport tal-2022 dwar id-Drittijiet Fundamentali), tad-19 ta' Awwissu 2022 bit-titolu "Protecting civic space in the EU" (Il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku fl-UE) u tat-3 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Antisemitism – Overview of antisemitic incidents recorded in the European Union 2011-2021" (Antisemitiżmu – Ħarsa ġenerali tal-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-Unjoni Ewropea 2011-2021), u r-rapporti, id-data u l-għodod l-oħra tagħha, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali (EFRIS),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali[5],

[3] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.
[4] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.
[5] ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1)TUE, l-eżistenza ta’ riskju ċar ta’ ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta’ mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta’ Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Novembru 2020 dwar l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità (UE, Euratom) 2020/2092[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Lulju 2021 dwar it-tfassil ta’ linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta’ kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-UE: l-użu indebitu ta’ azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Diċembru 2021 dwar l-evalwazzjoni tal-miżuri ta’ prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f’każ ta’ fondi ta’ emerġenza u oqsma ta’ nfiq relatati mal-kriżi[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[15],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Marzu 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[16],

---

[6] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.
[7] ĠU C 363, 28.10.2020, p. 45.
[8] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.
[9] ĠU C 415, 13.10.2021, p. 36.
[10] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 86.
[11] ĠU C 81, 18.2.2022, p. 27.
[12] ĠU C 99, 1.3.2022, p. 146.
[13] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 2.
[14] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 48.
[15] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.
[16] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 168.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport 2021 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt[17],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja[18],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2020 u l-2021[20],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar l-Istat tad-Dritt f'Malta, ħames snin wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia[21],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja[22],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[23],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-Ungerija mal-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u s-sitwazzjoni attwali tal-RRP Ungeriż[24],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2022 intitolata "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2022)0500)[25],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta PEGA tiegħu u r-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-PEGA[26],

– Wara li kkunsidra r-rapporti ta' feedback, ir-rapporti ta' missjonijiet, il-mistoqsijiet bil-miktub u t-tweġibiet tal-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tiegħu[27],

---

[17] ĠU C 479, 16.12.2022, p. 18.
[18] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.
[19] Testi adottati, P9_TA(2022)0324.
[20] Testi adottati, P9_TA(2022)0325.
[21] Testi adottati, P9_TA(2022)0371.
[22] Testi adottati, P9_TA(2022)0372.
[23] Testi adottati, P9_TA(2022)0389.
[24] Testi adottati, P9_TA(2022)0422.
[25] Testi adottati, P9_TA(2023)0094.
[26] Testi adottati, P9_TA(2023)0244.
[27] Għall-attivitajiet kollha ta' monitoraġġ tad-DRFMG, ara: https://www.europarl.europa.eu/committees/en/libe-democracy-rule-of-law-and-fundament/product-details/20190103CDT02662.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

Sistemi tal-ġustizzja

1. Itenni li ġudikatura indipendenti hija s-sinsla tal-istat tad-dritt, peress li hija prekundizzjoni għal rimedju effettiv meta jinżammu jew jinkisru d-drittijiet u l-libertajiet; jissottolinja li ġudikatura indipendenti u effettiva hija vitali għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, peress li l-Kummissjoni tibbaża fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali biex tinforza d-dritt tal-UE; jesprimi t-tħassib tiegħu li din il-"preżunzjoni ta' konformità" ssir il-"pretensjoni ta' konformità" meta l-Kummissjoni tinjora n-nuqqasijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali; jinnota bi tħassib li filwaqt li xi sistemi ġudizzjarji jistgħu jkunu robusti fuq livell teoretiku, f'xi każijiet mhumiex immuni għall-manipulazzjoni tal-istat, l-interferenza politika jew in-nepotiżmu; huwa konxju tal-fatt li huwa diffiċli li dan jiġi identifikat billi jiġu vvalutati l-istrutturi formali biss; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni twettaq analiżi aktar kwalitattiva, inklużi elementi kuntestwali;

2. Jinnota li l-Kummissjoni tikkonstata differenzi kbar bejn l-Istati Membri tal-UE f'termini ta' indipendenza u salvagwardji ġudizzjarji; jinnota li r-rapport isemmi għadd ta' inizjattivi pożittivi u żviluppi li għaddejjin dwar il-Kunsilli tal-Ġudikatura, b'mod partikolari fil-Lussemburgu, fin-Netherlands, fil-Portugall, fl-Italja, fl-Iżvezja, fil-Finlandja u fl-Ungerija; jenfasizza, madankollu, li valutazzjoni indipendenti turi li mill-erba' "stadji importanti ħafna" relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura fl-Ungerija wieħed biss jista' jitqies implimentat bis-sħiħ;[28] jinnota li l-Kummissjoni tikkonstata li t-tħassib dwar il-Kunsilli għall-Ġudikatura għad irid jiġi indirizzat fil-Polonja, fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fi Spanja u f'Ċipru; jinnota bi tħassib li l-proċedimenti dixxiplinari jistgħu jintużaw bħala mezz biex titnaqqas l-indipendenza ġudizzjarja, kif inhu l-każ fil-Polonja u fil-Bulgarija; jinnota li l-Kummissjoni, fl-aħħar nett, ressqet lill-Polonja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) għall-ksur tad-dritt tal-UE mit-Tribunal Kostituzzjonali tagħha;

3. Jinnota li l-Kummissjoni ssib li filwaqt li ċerti Stati Membri, inklużi l-Finlandja, l-Awstrija, is-Slovenja, Ċipru, l-Iżvezja u l-Ungerija, ħadu jew ħabbru inizjattivi biex itejbu l-proċessi tal-ħatra ġudizzjarja u l-funzjonament tal-qrati għolja, għad hemm sfidi fil-ħatra ta' mħallfin ta' livell għoli f'Malta, fil-Greċja, fil-Litwanja, fil-Latvja u fl-Irlanda; jenfasizza li fil-Polonja għad hemm tħassib serju rigward l-imħallfin tal-Qorti Suprema maħtura qabel, inkluż l-Ewwel President tagħha, u rigward in-nuqqas kontinwu ta' implimentazzjoni ta' deċiżjoni preliminari tal-QĠUE dwar ħatra ġudizzjarja fl-Awla tal-Kontroll Straordinarju; jinnota li l-Kummissjoni tikkonstata li fis-Slovakkja, ir-reat ta' abbuż tad-dritt introdott għall-imħallfin fir-rigward tad-

[28] Il-Kumitat Ungeriż ta' Helsinki, *Updated summary assessment on Hungary's compliance with the four super milestones aimed at restoring the independence of the judiciary* (Valutazzjoni fil-qosor aġġornata dwar il-konformità tal-Ungerija mal-erba' stadji importanti ħafna li għandhom l-għan li jirrestawrar l-indipendenza tal-ġudikatura), 9 ta' Ottubru 2023.

deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħhom għadu jqajjem tħassib, peress li għandu impatt psikoloġiku negattiv fuq l-imħallfin u huwa ta' piż għall-awtoritajiet investigattivi;

Korruzzjoni

4. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għall-istat tad-dritt u ddgħajjef serjament il-fiduċja fid-demokrazija u l-ugwaljanza quddiem il-liġi; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu ħafna aktar biex jeqirdu l-korruzzjoni;

5. Jiddispjaċih li, minkejja li l-Istati Membri kollha għandhom fis-seħħ strateġiji kontra l-korruzzjoni, il-perċezzjonijiet tal-korruzzjoni jvarjaw ħafna madwar l-UE, bid-Danimarka, il-Finlandja, l-Iżvezja u n-Netherlands jikklassifikaw fost l-inqas korrotti, filwaqt li l-livelli perċepiti ta' korruzzjoni fil-Bulgarija, f'Malta, fl-Ungerija, fil-Greċja u fis-Slovenja huma inkwetanti;[29] jinnota wkoll bit-tħassib li l-Kummissjoni ssib li xi Stati Membri, bħall-Bulgarija, Malta, l-Ungerija, il-Greċja u s-Slovenja, għad iridu jistabbilixxu rekord sod fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli li jwasslu għal kundanni finali li għandhom effett deterrenti;

6. Jissottolinja li l-gvernijiet tal-Istati Membri u l-uffiċjali tal-UE għandhom jagħtu eżempju billi joqogħdu lura minn kwalunkwe prattika korrotta u li ma għandu jkun hemm l-ebda interferenza governattiva jew politika fl-investigazzjonijiet ta' korruzzjoni; jirrimarka li anke l-uffiċjali tal-UE jistgħu jkunu involuti fil-korruzzjoni, kif muri minn "Qatargate", għalhekk itenni t-talba tiegħu biex ir-rapport annwali jkopri wkoll l-istituzzjonijiet tal-UE;

7. Jikkundanna l-fatt li Malta għadha topera l-iskema tagħha ta' Ċittadinanza b'Investiment (CBI), li hija riskju kbir għall-korruzzjoni u reati oħra, speċjalment fid-dawl tal-passi meħuda minn diversi Stati Membri oħra biex jiżguraw li l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment jiġu aboliti; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li l-Kummissjoni għandha tuża l-prerogattiva tagħha biex tipproponi leġiżlazzjoni u tibda projbizzjoni leġiżlattiva tal-UE fuq l-Iskemi ta' Ċittadinanza b'Investiment kollha fl-UE;

8. Iqis li s-sħubija tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandha tkun prekundizzjoni biex wieħed jirċievi l-fondi tal-UE; itenni l-appell tiegħu għal espansjoni tal-mandat tal-UPPE;

9. Jinnota li l-korruzzjoni tista' tinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija, li huma l-istess awtoritajiet li suppost qed jiġġieldu kontriha; iqis li l-korpi tal-UE, bħall-Europol, jista' jkollhom rwol importanti fl-investigazzjoni tal-korruzzjoni u fl-iżgurar tal-evidenza, iżda li r-rekwiżit għall-approvazzjoni nazzjonali tal-involviment tal-Europol huwa ostaklu; jitlob li jissaħħaħ il-mandat tal-Europol biex din tkun tista' tinvestiga każijiet ta' korruzzjoni tat-tip deskritt hawn fuq;

Awtoritajiet indipendenti

[29] Transparency International, *Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni*, 31 ta' Jannar 2023.

10. Jenfasizza li s-sistema ta' kontrokontrolli tista' taħdem biss meta l-ombudspersons, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-uffiċċji tal-awditjar, il-korpi tal-ugwaljanza u l-awtoritajiet indipendenti l-oħra kollha jkunu jistgħu jiffunzjonaw u jkollhom mandati, indipendenza u finanzjament adegwat wiesgħa biżżejjed;

11. Jinnota li l-Kummissjoni ssib li s-sitwazzjoni tvarja ħafna fost l-Istati Membri, b'xi żviluppi fid-direzzjoni t-tajba f'Ċipru, is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Portugall, is-Slovenja u l-Polonja, b'xi sfidi li għad fadal fil-Litwanja, fl-Ungerija u fil-Kroazja, mingħajr l-ebda istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem stabbilita fl-Italja, fiċ-Ċekja, f'Malta u fir-Rumanija, b'dewmien fil-ħatriet f'diversi awtoritajiet indipendenti fil-Bulgarija, fi Spanja u fl-Awstrija, u bil-Polonja tpoġġi l-funzjonament effettiv tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar f'riskju; jinnota bi tħassib kbir l-iżviluppi reċenti fil-Greċja, fejn awtoritajiet indipendenti bħall-Awtorità Ellenika għas-Sigurtà u l-Privatezza tal-Komunikazzjoni (ADAE) u l-Awtorità Griega għall-Protezzjoni tad-Data kienu taħt pressjoni dejjem akbar minħabba l-ħidma tagħhom dwar l-użu illeġittimu ta' software ta' spjunaġġ, bil-Membri tal-Bord tal-ADAE ġew sostitwiti b'mod urġenti reċentement mill-Parlament Grieg, apparentement minħabba d-deċiżjoni imminenti tal-ADAE li timponi multa fuq l-aġenzija tal-intelligence Griega;

Il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media

12. Jenfasizza li mingħajr il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media, il-ħajja demokratika u l-istat tad-dritt ma jistgħux jibqgħu jeżistu;

13. Jissottolinja l-importanza tat-trasparenza tas-sjieda tal-media; jinnota li l-Kummissjoni tikkonstata li mir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida li żżid it-trasparenza tas-sjieda tal-media jew li ttejjeb id-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar is-sjieda tal-media fil-Greċja, fil-Lussemburgu u fl-Iżvezja u li tali leġiżlazzjoni ssaħħet f'Ċipru, filwaqt li fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja u fi Franza l-bidla għadha ma saritx; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tikkonstata li r-regolaturi tal-media huma protetti minn salvagwardji insuffiċjenti kontra influwenza politika mhux xierqa u li l-awtoritajiet għandhom nuqqas ta' riżorsi, b'mod partikolari fl-Ungerija, fis-Slovenja, fil-Polonja, fil-Greċja u fir-Rumanija;

14. Jisħaq fuq l-importanza tal-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku u d-dmir tal-Istati Membri kollha li jirrispettaw dan;

15. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jfornu finanzjamenti adegwati għal ġurnaliżmu indipendenti u ta' kwalità fuq skala Ewropea fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

Il-protezzjoni tal-ġurnalisti

16. Ifakkar li l-ġurnaliżmu indipendenti huwa element vitali tal-istat tad-dritt demokratiku bħala parti mis-sistema ta' kontrokontrolli essenzjali u element ta' skrutinju pubbliku; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tentattivi intenzjonati ta' diversi gvernijiet biex isikktu lill-ġurnalisti li qed jesponu mġiba ħażina;

17. Jesprimi dispjaċir għax-xejriet inkwetanti fis-sikurezza tal-ġurnalisti f'diversi Stati Membri; jinnota li l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-

protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti rreġistrat aktar minn 1 600 twissija ta' theddid mill-2015; jesprimi dispjaċir għall-intimidazzjoni tal-ġurnalisti matul il-kampanji elettorali, kif ġara reċentement fl-elezzjoni fis-Slovakkja;

18. Jiddispjaċih li minkejja t-tħassib imqajjem minn diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dispożizzjonijiet proposti ta' Malta kontra s-SLAPP mhumiex biżżejjed biex jipproteġu l-ħidma tal-ġurnalisti[30]; jistieden lill-gvern Grieg jindirizza l-isfidi serji identifikati mir-Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Midja (MFRR), alleanza li ssegwi, timmonitorja u tirreaġixxi għall-ksur tal-libertà tal-istampa u tal-media, b'mod partikolari b'rabta mas-sorveljanza arbitrarja, l-impunità jew ir-reati kontra l-ġurnalisti, il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media[31]; jinnota bi tħassib kbir id-detenzjoni reċenti ta' ġurnalista mill-awtoritajiet Franċiżi, apparentement bl-għan li jinkixfu s-sorsi tagħha, kif ukoll l-interċettazzjoni telefonika illegali ta' ġurnalist Netherlandiż li jaħdem għal "De Correspondent";

19. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jilħqu ftehim malajr dwar direttiva ambizzjuża kontra s-SLAPP; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà ta' leġiżlazzjoni addizzjonali biex tkopri l-każijiet kollha tas-SLAPP;

20. Jikkundanna bil-qawwa n-nuqqas ta' investigazzjoni serja dwar il-qtil ta' Giorgos Karaivaz; jinnota li ż-żewġ allegati qattiela ġew arrestati aktar minn sentejn wara l-qtil abbażi ta' evidenza li tidher li kienet disponibbli għall-pulizija l-ħin kollu; iqis li l-moħħ wara l-qtil għadu ma ġiex identifikat; jinnota li Karaivaz – bħal Daphne Caruana Galizia u Ján Kuciak – kien qed jinvestiga l-korruzzjoni u l-kriminalità, u seta' għamel għedewwa b'karigi għolja, inkluż fi ċrieki politiċi; jirrimarka li l-moħħ suspettat wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għadu ma tressaqx quddiem il-qorti, u l-awtoritajiet għadhom lanqas ma investigaw b'mod adegwat il-każijiet kollha ta' korruzzjoni u kriminalità li hija kienet qed tinvestiga;

21. Jikkundanna s-sorveljanza illegali tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; jinsab diżappuntat dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta Speċjali Pegasus u jqis dan bħala nuqqas ta' azzjoni; jirrimarka li ma saret ġustizzja fl-ebda wieħed mill-għexieren ta' każijiet ta' abbuż ta' software ta' spjunaġġ kontra ġurnalisti, attivisti, politiċi, avukati u miri politiċi oħra; jikkonkludi għalhekk li, għall-kuntrarju tas-suppożizzjoni tal-Kummissjoni, ħafna awtoritajiet nazzjonali la huma lesti u lanqas kapaċi jindirizzaw il-kwistjoni, u dan iħalli lill-vittmi mingħajr rimedju effettiv u demokrazija mingħajr protezzjoni; jinsab imħasseb ħafna dwar l-effett diswassiv tal-impunità tal-abbuż ta' software ta' spjunaġġ fuq il-ġurnalisti u s-sorsi tagħhom;

22. Jisħaq li l-impatt tal-użu illeġittimu ta' software ta' spjunaġġ huwa ħafna aktar evidenti fl-Istati Membri fejn l-awtoritajiet li normalment jingħataw il-kompitu li jinvestigaw u jipprovdu rimedju lil persuni fil-mira u jiżguraw il-kontabbiltà, jinħatfu mill-istat u fejn

[30] Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem, *Letter to the Speaker of the House of Malta* (Ittra lill-Ispeaker tal-Kamra ta' Malta), 26 ta' Settembru 2023.
[31] Istitut Internazzjonali tal-Istampa, *Murdered, surveilled and sued: decisive action needed to protect journalists and salvage press freedom in Greece* (Maqtul, sorveljat u mfittex: azzjoni deċiżiva meħtieġa biex tipproteġi lill-ġurnalisti u tiġi salvata l-libertà tal-istampa fil-Greċja), 27 ta' Settembru 2023.

teżisti kriżi tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura hija pperikolata, b'tali mod li l-awtoritajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jibbażaw fuqhom; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tistabbilixxi monitoraġġ u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż apposta relatati mal-użu illegali ta' software ta' spjunaġġ mill-Istati Membri fir-rapport dwar l-istat tad-dritt, li jivvalutaw ir-reattività tal-istituzzjonijiet tal-istat biex jipprovdu rimedju lill-persuni fil-mira;

Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni

23. Jesprimi dispjaċir għad-diffikultajiet kontinwi li jiffaċċjaw ħafna ċittadini, ġurnalisti u parlamentari f'ħafna Stati Membri biex jiksbu informazzjoni u aċċess għad-dokumenti; jissottolinja li spiss wisq l-awtoritajiet pubbliċi deliberatament ifixklu l-aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti, pereżempju billi jdewmu b'mod sproporzjonat id-deċiżjonijiet jew jagħtu biss aċċess artifiċjali billi jagħmlu l-informazzjoni disponibbli parzjalment biss;

Spazju tas-soċjetà ċivili

24. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili u ta' spazju ċiviku san għar-rispett u għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u jtenni l-appelll tiegħu biex jiġi ddedikat kapitolu separat għall-kundizzjoni tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni ssib li Malta, l-Irlanda, il-Bulgarija, il-Litwanja u l-Ġermanja ħabbru jew bdew sforzi biex itejbu l-qafas għas-soċjetà ċivili, u ssib li s-soċjetà ċivili qed tiffaċċja sfidi partikolari f'Ċipru, il-Greċja, Spanja, l-Italja u Franza, u restrizzjonijiet sistemiċi serji kontinwi fl-Ungerija u l-Polonja; jistieden lill-Istati Membri kollha jaċċettaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) bħala partijiet ikkonċernati importanti fil-ħajja demokratika u joħolqu ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti, permezz ta' finanzjamenti apposta, fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-OSĊ biex jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u biex tiżgura protezzjoni adegwata lill-OSĊ involuti f'dan il-proċess;

Il-protezzjoni tal-minoranzi

26. Jinnota li r-rigress demokratiku u tal-istat tad-dritt u l-imminar tad-drittijiet tal-minoranzi spiss imorru id f'id, u għal darb'oħra jissottolinjaw il-ħtieġa ta' approċċ komprensiv għall-monitoraġġ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (DRF) fir-rapporti futuri; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' progress dwar il-protezzjoni tal-minoranzi madwar l-UE; jikkundanna d-diskors ta' mibegħda, inkluż mill-gvern jew minn uffiċjali politiċi, kontra gruppi ta' minoranza;

27. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jagħmlu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ prijorità reali u trażversali fl-oqsma kollha ta' politika; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha disponibbli biex tiżgura li d-drittijiet tal-LGBTIQ jiġu rrispettati madwar l-UE kollha, inkluż l-użu ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jqisu t-12-il rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni biex jiġu

miġġielda r-reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTIQ+ kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza[32]; jinnota l-abbozz ta' liġi Rumen reċenti, li għandu l-għan li jikkonforma mas-sentenza[33] *Coman* tal-QĠUE tal-2018, kif ukoll il-kritika li l-abbozz ta' liġi jimplimenta dik id-deċiżjoni biss b'mod strett ħafna u li ma jiggarantix drittijiet ugwali għal koppji tal-istess sess[34];

28. Jafferma mill-ġdid li d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem u li xejn ma jista' jiġġustifika rigressjoni fid-drittijiet u l-awtonomija tan-nisa; jikkundanna b'mod partikolari l-attakk fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tan-nisa u l-bniet li qed iseħħ f'diversi Stati Membri; jemmen li d-dritt għal abort sikur u legali għandu jkun integrat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi pilastru ġdid speċifiku dwar il-protezzjoni tal-minoranzi fir-rapport li jmiss, li jidentifika l-forom kollha ta' ksenofobija, razziżmu, antisemitiżmu, iżlamofobija, antiżingariżmu, u fobija fil-konfront tal-persuni LGBTIQ fl-Istati Membri kollha;

30. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar id-dewmien tal-Kummissjoni biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità mal-liġijiet dwar id-drittijiet fundamentali u l-ġurisprudenza mill-Istati Membri; jirrifjuta l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li r-rifjut tal-awtoritajiet nazzjonali biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) f'każijiet ta' drittijiet fundamentali għandu jitqies bħala "każijiet individwali" u ma għandux jiġi indirizzat minn proċeduri ta' ksur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, tissodisfa r-responsabbiltà tagħha għall-infurzar tad-dritt tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u ma tibbażax fuq l-"infurzar privat";

Konklużjonijiet trażversali dwar l-istat tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali madwar l-UE

31. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, li d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali madwar l-UE qed jiddgħajfu; jenfasizza li billi s-sitwazzjoni ppreżentata mir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt tiżvela ħafna żviluppi inkwetanti, is-sitwazzjoni tidher saħansitra aktar inkwetanti meta jitqiesu rapporti u sorsi indipendenti oħra; jissottolinja li anke jekk xi Stati Membri huma eżemplari fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, f'Unjoni Ewropea interdipendenti u miftuħa, l-erożjoni ta' dawk

[32] Il-Kunsill tal-Ewropa, Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, Thematic review of the implementation of Recommendation CM/Rec(2010)5 (Analiżi tematika tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)5), 14 ta' Settembru 2023; Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, ECRI General Policy Recommendation No. 17 on preventing and combating intolerance and discrimination against LGBTI persons (Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 17 tal-ECRI dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-intolleranza u d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI), 28 ta' Settembru 2023.

[33] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2018, Referenza għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mill-Curtea Constituto ională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija), ECLI:EU:C:2018:385.

[34] Euractiv, *Romanian LGBTQ+ community wants equal rights, not special conditions* (Il-komunità LGBTQ + Rumena trid drittijiet ugwali, mhux kundizzjonijiet speċjali), 22 ta' Settembru 2023.

il-valuri fi Stati Membri oħra tikkomprometti u timmina l-istituzzjonijiet tal-UE u s-sitwazzjoni fl-UE kollha kemm hi;

Infurzar tad-dritt tal-UE

32. Jinnota li l-infurzar xieraq tad-dritt kollu tal-UE huwa l-prekundizzjoni stess għal unjoni bbażata fuq l-istat tad-dritt; jikkundanna n-nuqqas ta' konformità li xi kultant ikun miftuħ u bla mistħija ta' diversi Stati Membri mad-dritt tal-UE f'diversi oqsma, bħall-eżempju, l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, u l-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li dan iwassal għar-riskju li l-UE ssir żona mingħajr liġi, fejn xi Stati Membri jħossuhom aktar ugwali minn oħrajn u d-drittijiet u l-libertajiet tal-UE taċ-ċittadini mhumiex protetti b'mod ugwali;

33. Ifakkar lill-Kummissjoni li hija l-ewwel u qabel kollox il-gwardjan tat-Trattati; jissottolinja li l-ħruġ ta' rapport mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ l-unjoni tagħna abbażi tal-istat tad-dritt iżda li r-rapport għandu jwassal għal azzjoni konkreta ta' infurzar, speċjalment fejn ir-rakkomandazzjonijiet ma jiġux rispettati bis-sħiħ;

34. Jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li l-Kummissjoni mhijiex qed tieħu azzjoni aktar b'saħħitha biex tinforza d-dritt tal-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni żżid l-għadd ta' proċeduri ta' ksur ġodda u tmexxi 'l quddiem il-proċeduri ta' ksur eżistenti b'aktar awdaċità u urġenza; jistieden lill-Kummissjoni ma tużax id-"djalogu" mal-Istati Membri jew il-proċedura "pilota" bħala mezz miftuħ biex tevita li tniedi proċeduri ta' ksur attwali; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-politika tagħha – li ma għandha l-ebda bażi fit-Trattati – biex ma tużax azzjonijiet ta' ksur għal każijiet "individwali", peress li din il-politika wasslet għal ċaħda serja tad-drittijiet għaċ-ċittadini madwar l-UE, speċjalment fejn il-gvernijiet tagħhom stess qed jirrifjutaw li jikkonformaw mad-dritt tal-UE jew mas-sentenzi tal-QĠUE, peress li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet mhumiex individwali iżda jindirizzaw kwistjonijiet strateġiċi u fundamentali;

35. Jinnota l-problema persistenti tal-implimentazzjoni mhux kompluta tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), filwaqt li jinnota d-deċiżjonijiet reċenti tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa [1]; jilqa' l-inklużjoni tal-indikaturi sistemiċi dwar l-implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-QEDB fir-rapport dwar l-istat tad-dritt mill-edizzjoni tiegħu tal-2022; jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni apposta għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' kull sentenza tal-QĠUE u tal-QEDB relatata mad-demokrazija, mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet fundamentali, u tintegraha bis-sħiħ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw is-sentenzi pendenti mingħajr dewmien, u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-konsegwenzi għall-konformità mad-dritt tal-UE u tieħu azzjoni ta' ksur meta meħtieġ;

Ir-rapport dwar l-istat tad-dritt bħala għodda

36. Jirrikonoxxi li r-rapport dwar l-istat tad-dritt sar punt ta' riferiment għall-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt fl-UE u fi Stati Membri speċifiċi;

37. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt sar aktar komprensiv sa mill-bidu tiegħu fl-2020; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li l-edizzjoni tal-2023 tar-rapport ma ġietx estiża b'mod sinifikanti biż-żieda ta' pilastru ġdid komprensiv; itenni l-pożizzjoni tiegħu li r-rapport għandu jkopri l-ambitu sħiħ tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu waħedhom; jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport is-sena d-dieħla;

38. Jinsab imħasseb li l-Kummissjoni, fl-isforzi tagħha biex tkun fattwali u ekwa, xi drabi tispiċċa tkun wisq diplomatika u impreċiża meta tidentifika problemi tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jesprimi dispjaċir li l-użu tal-lingwa ewfemistika u n-numru artifiċjalment ugwali ta' konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru jaħbu d-differenzi reali ħafna bejn l-Istati Membri; jemmen li l-valutazzjoni tat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet għandha tkun aktar preċiża u kwalitattiva, u ma tibbażax biss fuq il-bidliet leġiżlattivi iżda wkoll fuq l-evidenza reali u indipendenti tal-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika; jinnota d-differenzi xi kultant ċari bejn is-sommarji tal-kapitoli tal-pajjiżi u l-kontenut dettaljat tal-kapitoli nfushom, li jissuġġerixxu intervent editorjali;

39. Jafferma mill-ġdid li ħafna minn dawn l-isfidi jistgħu jingħelbu billi jiġi involut bord ta' esperti indipendenti fl-abbozzar tar-rapport, peress li dawn ikunu inqas marbuta b'kunsiderazzjonijiet diplomatiċi; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar dan il-punt u tesplora l-possibbiltajiet kollha biex tinvolvi esperti indipendenti f'edizzjonijiet sussegwenti tar-rapport dwar l-istat tad-dritt;

40. Jafferma li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt mhuwiex għan fih innifsu, peress li l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni mhuwiex biżżejjed iżda pjuttost għandu jwassal għal azzjoni speċifika ta' infurzar dwar in-nuqqasijiet identifikati;

Kooperazzjoni interistituzzjonali u proċeduri dwar l-istat tad-dritt

41. Jieħu nota tal-evalwazzjoni li għaddejja tal-Kunsill tad-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt u tal-pożizzjoni ddikjarata tal-Kunsill li se jikkunsidra aktar kooperazzjoni interistituzzjonali possibbli f'dak il-kuntest; jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv, billi jistieden lil istituzzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra għas-sessjonijiet tiegħu, b'mod partikolari l-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa bħall-Kummissjoni ta' Venezja, kif ukoll rappreżentanti tal-Parlament Ewropew;

42. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tal-Parlament li jidħol fi ftehim interistituzzjonali dwar l-istat tad-dritt; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;

43. Jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra, sadanittant, biex tal-inqas jesploraw aktar kooperazzjoni fil-kuntest tal-proġett pilota interistituzzjonali propost dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li jgħin biex tinbena l-fiduċja bejn l-istituzzjonijiet b'mod prattiku, b'mod partikolari billi jiġu kondiviżi l-prattiki ta' monitoraġġ, djalogu u laqgħat;

44. Jikkundanna n-nuqqas totali ta’ progress fil-proċeduri tal-Artikolu 7(1) tat-TUE li għaddejjin bħalissa; iħeġġeġ lill-Kunsill jindirizza l-iżviluppi ġodda kollha li jaffettwaw l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas ta’ din il-proċedura, filwaqt li jissottolinja li kwalunkwe dewmien ieħor ta’ tali azzjoni jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu; jinsisti li r-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament għandhom jiġu rrispettati;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, timmonitorja b’mod strett u tissalvagwardja l-kundizzjonijiet tad-DRF fl-istrumenti u fil-proċessi baġitarji kollha; jistieden lill-Kummissjoni, f’dan ir-rigward, ma tiżblokka l-ebda fond ta’ koeżjoni għall-Ungerija sakemm il-kundizzjonijiet abilitanti kollha ma jkunux ġew issodisfati bis-sħiħ u l-ġudikatura f’dak l-Istat Membru tkun tista’ titqies kompletament indipendenti fuq il-karta u fil-prattika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill japplikaw aktar u mingħajr dewmien ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fejn meħtieġ, u ma jneħħux il-miżuri adottati fil-każ tal-Ungerija sakemm l-istadji importanti kollha jkunu ġew issodisfati b’mod effettiv; jistieden lill-Kummissjoni tivverifika b’mod rigoruż li l-istadji importanti relatati mal-istat tad-dritt fid-diversi pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri jiġu ssodisfati bħala kundizzjoni għall-iżborż tal-finanzjament meta l-Istati Membri jagħmlu talbiet għal pagament; jistieden lill-Kummissjoni tassenja r-responsabbiltà primarja għall-applikazzjoni ta’ dawn il-kundizzjonijiet lill-Kummissarji responsabbli għall-istat tad-dritt;

°

° °

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.